MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 832/2009/1

**Maltrad (Holdings) Limited [C-28800]**

**v.**

**Norbert Coll**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat li ressqet is-socjeta` attrici fis-26 ta' Awwissu, 2009, u li jaqra hekk:

"**Dikjarazzjoni tal-Fatti**

"1. Illi l-intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro u hamsin centezmu, (€25,000.50), ammont rapprezentanti self maghmul lill-istess intimat kif jirrizulta minn skrittura privata datata 14 ta' April 2006, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A;

"**Ir-raguni tat-Talba**

"3. Illi minkejja li gie debitament u diversi drabi interpellat sabiex ihallas l-ammonti minnu dovuti, l-initimat baqa' ma ghamel l-ebda pagament entro t-termini lilu koncessi permezz tal-klawsola numru erbgha (4) tal-iskrittura, huwa tilef il-beneficcju tat-terminu;

"4. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kellha taghmel din il-kawza;

"3. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tal-esponenti.

"**It-Talbiet**

"Jghid l-intimat ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

“1. Tikkundannah illi jhallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000), ammont rapprezentanti self maghmul lill-istess, intimat skont kif jirrizulta mill-iskrittura privata datata 14 ta’ April 2006, kif fuq premess.

“Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimat, li jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi

“1. Preliminarjament in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin stante illi l-konvenut huwa cittadin Franciz residenti Franza. Il-konvenut m’huwiex konxju tal-allegata skrittura Dok A, imma jekk din tezisti din giet iffirmata fl-ufficcju tad-direttur tas-socjeta` attrici f’Lugano ghaliex il-ftehim kollu bejn il-konvenut u d-direttur tas-socjeta` attrici dejjem sar f’Lugano u d-dokumenti kollha relattivi kienu jsiru f’dan l-ufficcju. Fil-fatt il-konvenut qatt ma gie Malta hlief darba biss bhala turista bejn l-2002/2003 u ghalhekk ma ghandu l-ebda relazzjoni ma’ Malta. Dan kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“2. Sussidjarjament, imma minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenut qed jikkontesta il-validita` tal-iskrittura ta’ self li fuqha hija bbazata t-talba attrici minhabba vizzju ta’ kunsens stante illi huwa qatt ma ssellef flus minghand is-socjeta` attrici u li tali skrittura giet biss a konoxxenza tieghu bil-proceduri odjerni. Ghal dan il-ghan proceduri opportuni ser jigu istitwiti skont il-ligi;

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat illi, bi qbil bejn il-partijiet, gie deciz li ghandha l-ewwel tinghata decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari tal-gurisdizzjoni;

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Gunju, 2014, li in forza taghha iddecidiet l-eccezzjoni relattiva fis-sens li gej:

“22.1. Tirrespingi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat;

“22.2. Tiddikjara li din il-qorti ghandha gurisdizzjoni tisma` u tiddeciedi il-vertenza odjerna;

“22.3. Tirrizerva l-ispejjez fir-rigward ghall-istadju finali ta’ din il-procedura;

“22.4. Tordna l-kontinwazzjoni tal-istess procedura biex jigi issa indirizzat il-meritu tal-istess, u tirrizerva li tappunta l-kawza odjerna ghal data ohra wara li tisma` lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“11. Illi il-procedura hi, f’dan l-istadju, limitata ghall-epurazzjoni ta’ leccezzjoni preliminari sollevata, senjatament li din il-qorti m’ghandiex gurisdizzjoni tisma` u tiddeciedi l-procedura odjerna;

“12.0. Illi din l-eccezzjoni qed tigi sostenuta mill-intimat stante li:

“12.1. Hu cittadin Franciz;

“12.2. Gie Malta bhala turista ghal tlett (3) ijiem biss fl-2003;

“12.3. Illi kien iffirma diversi dokumenti fl-ufficcju tar-rapprezentant legali mas-socjeta` rikorrenti f’ Lugano;

“12.4. Illi jista` jaghti l-kaz li iffirma wkoll l-iskrittura privata in dizamina, (ara foll 3);

“13.0. Illi in vista tal-premess l-intimat allura isostni s-segwenti:

“13.1. Illi m’ghandu l-ebda wahda mis-segwenti karatteristici li jivvinkulawh ma Malta:

“13.1.1. **Cittadinanza;**

“13.1.2. Residenza;

“13.1.3. Domicilju;

“14. Illi konsegwentement l-eccezzjoni preliminari minnu sollevata ghandha tigi akkolta;

“Ikkunsidrat:

“15.0. Illi minn naha taghha s-socjeta` rikorrenti isostni sintetikament is-segwenti fir-rigward:

“15.1. Illi l-kwistjoni preliminari hawn sollevata hi determinata mill-*“Council Regulation”* 44/2001, kif ampliata mill-*“Council Regulation”* 1215/2012, li sintetikament jistabilixxu s-segwenti:

“15.1.1. Illi l-principju li l-gurisdizzjoni hi dipendenti mid-domicilju tal-persuna, dan mhux principju assolut;

“15.1.2. Illi l-istess Regolamenti jistabilixxu li l-gurisdizzjoni effettiva hi ibbazata fuq konnessjoni cara bejn il-qorti u l-azzjoni, senjatament:

*"The existence of a close connection should ensure legal certainty and avoid the possibility of the defendant being sued in a court of a Member State which he could not reasonably have foreseen"*;

"15.1.3. Illi l-possibilita` li persuna domiciljata fi Stat Membru tigi mharrka fi Stat Membru iehor hi espressament kontemplata fl-artiklu 7 mit-Tieni Sezzjoni tar-Regolamenti fuq riferiti;

"15.1.4. Illi meta l-partijiet ikunu ftehmu fuq il-*forum* fejn tigi rizolta l-vertenza li jkollhom, din il-klawsola trid tigi rispettata;

"Ikkonsidrat:

"16. Illi effettivament jirrizulta li l-klawsola numru disgha (9) tal-iskrittura privata patwita bejn il-partijiet tghid is-segwenti:

"The parties hereto agree that the terms and conditions of this contract shall be governed under the laws of Malta";

"Ikkunsidrat:

"17. Illi ghalkemm fix-xhieda tieghu l-intimat jipprova jitfa` xi dubji rigwardanti l-konoxxenza reali u effettiva tieghu tal-fatt li allega l-firma tieghu ghall-iskrittura privata datata l-14 t'April, 2006, dan bl-ebda mod ma gie debitament ipprovat;

"18. Illi ghalhekk din il-qorti, konxja mir-rigorozita` murija mill-intimat fl-esekuzzjoni tad-drittijiet tieghu fil-procedura odjerna hi konvinta li espleta bl-istess mod skrupoluz l-obbligi tieghu precedentement ghall-attestazzjoni tal-firma tieghu fuq l-istess skrittura privata in dizamina;

"19. Illi ghalhekk hi tinsab konvinta li l-istess intimat, kuntrarju ghal dak li jipprova jinsinwa, kien ben konxju tal-obbligi u tad-drittijiet tieghu minnu assunti fl-iskrittura *de quo* fuq riferita;

“Ikkunsidrat:

“20. Illi rigward il-klawsola numru disgha (9) pattwita fl-iskrittura *de quo*, il-kliem *“governed under the laws of Malta”* jinkludu wkoll l-aspett procedurali li fihom dawn il-ligijiet isibu l-milja taghhom;

“21. Illi definizzjoni li tissepara l-aspett sostantiv minn dak procedurali la hu logiku u lanqas tenibbli stante li altrimenti wiehed ikun qed jissoggetta l-interpretazzjoni tal-ligi Maltija ghal strutturi li kulturalment, storikament u gurisprudenzjalment huma estranei ghall-istess;”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha :

“... ... ... tilqa’ dan l-appell u konsegwentement tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili datata 10 ta’ Gunju 2014 fl-ismijiet premessi, tilqa’ l-eccezzjoni preliminari u konsegwentement tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici appellata.”

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi:

“... ... ... l-appell tal-intimat ghandu jigi respint u s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Gunju 2014 li permezz taghha giet respinta l-eccezzjoni tal-intimat dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, ikkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimat appellanti.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Illi din il-kawza tikkoncerna self li sar mis-socjeta` attrici lill-konvenut permezz ta' skrittura privata datata l-14 ta' April, 2006. Qed jigi allegat illi l-konvenut baqa' ma ghamel ebda pagament fit-termini lilu koncessi fl-imsemmija skrittura, u ghalhekk saret din il-kawza fejn qed jintalab kundanna ghall-hlas. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hi li l-qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni jsimghu u jiddeciedu fuq il-materja. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni li minnha qed isir l-appell.

Din il-Qorti tibda biex tafferma li l-materja hi regolata bir-Regolament tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Dicembru 2000, numru 44/2001, imsejjah "*Regulation on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters*" li ghandu effett dirett bhala ligi hawn Malta, u jipprevali fuq kull ligi domestika li tista' tkun f'konflitt mieghu. Fis-sentenza tal-ewwel Qorti saret referenza ghar-Regolament numru 1215/2012 tat-12 ta' Dicembru, 2012, li irrevoka r-Regolament precedenti u jipprovdi xi tibdil fir-regoli kif enuncjati fir-Regolament precedenti; dan l-ahhar regolament dahal fis-sehh fl-10 ta' Jannar, 2015, u bhala ligi ta' proceduri ghandu, ghalhekk, jitqies applikabbli anke ghall-kawzi in corso. F'kull kaz, l-Artikolu 7 tat-II Sezzjoni ta' dan l-ahhar Regolament u l-Artikolu 5 tar-Regolament precedenti huma simili.

Issa, bhala fatti, jirrizulta illi l-konvenut huwa cittadin Franciz, gie Malta bhala turista ghal tlett ijiem biss fl-2003, u kwindi lanqas ma jista' jitqies bhala domiciljat Malta. Hu seta' iffirma d-dokument in kwistjoni f'Lugano, fi Svizzera, pero`, il-kuntratt gie konkjuz Malta meta s-socjeta` attrici iffirmat hi bhala kreditrici. Fuq dan il-punt jista' jinghad li kull skrittura tehtieg, ghall-validita` taghha, li tkun iffirmata miz-zewg partijiet, li ma hux mehtieg li jsiru kontemporanjament, izda jridu jsiru fuq l-istess dokument (ara **Vella v. Cassar** deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' April, 1967).

Il-kuntratt, allura, sar Malta u l-flus waslu ghand il-konvenut minn Malta. Is-socjeta` attrici hija s-socjeta` inkorporata u registrata taht il-ligi ta' Malta. Il-konvenut intrabat li jrodd lura l-flus lilu mislufa, pero`, ma giex specifikat fejn ghandu jsir il-hlas.

Fid-dawl tal-premess, jista' jinghad fic-cert li l-qrati Maltin ma ghandhomx gurisdizzjoni ordinarja fil-konfront tal-konvenut li la hu cittadin u lanqas domiciljat hawn Malta. Is-socjeta` attrici tghid li, ai termini ta' Sezzjoni II tar-Regolament, il-qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni specjali u jistghu jisimghu l-kaz. Skont ir-regolament relattiv, persuna domiciljat f'pajjiz iehor, jista' jigi mharrek f'pajjiz membru iehor tal-Unjoni Ewropea "*in matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in*

*question*". Issa kif inghad, fil-ftehim ma kienx stabbilit il-"*place of performance*" tal-obbligazzjoni li assuma l-konvenut li jrodd lura l-flus mislufa lilu. Issa l-partijiet qablu li l-ftehim hu soggett ghal-ligi ta' Malta, u skont l-Artikolu 1159(3) u (4) tal-Kodici Civili taghna, meta l-kreditur u d-debitur ma joqghodux fl-istess gzira, u "*f'kull kaz iehor, il-hlas ghandu jsir fejn ikun joqghod bid-dar id-debitur*". Il-konvenut/debitur ma joqghodx f'Malta u kwindi l-obbligazzjoni li assuma m'ghandhiex issehh f'Malta. Issegwi, li l-qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni specjali jittrattaw dan il-kaz, ghax il-"*place of performance*" mhux Malta.

Il-preambolu tar-Regolament relattiv jghid li l-iskop tieghu huwa li, fl-ahhar mill-ahhar, il-kaz jinstema' mill-istat li ghandu "*close connection*" mal-kaz. Apparti li, f'kul kaz, il-gurisdizzjoni hi bazata fuq ir-regolamenti relattivi u mhux fuq dak li jinghad fil-preambolu, f'dan il-kaz ma jistax jinghad li hemm xi konnessjoni intima ma' Malta. Il-ftehim, hu veru, gie konkjuz hawn Malta, pero` is-self sar barra minn Malta lill-persuna li m'ghandhiex rabta ma' Malta, u bil-hlas lura previst li jsir fil-post tar-residenza tal-konvenut li hu gewwa Franza. Ma hemm xejn x'jorbot is-self intimament ma' Malta u, allura, x'jirradika l-gurisdizzjoni ta' dawn il-qrati.

L-ewwel Qorti, u anke s-socjeta` attrici, jargumentaw illi l-konnessjoni ma' Malta tohrog mill-fatt li l-partijiet ghazlu li l-ligi applikabbli hi dik Maltija. Ic-

*choice of law clause* hija pero`, differenti mic-*choice of jurisdiction clause*, u meta partijiet fuq kuntratt ma jiftehimx fuq gurisdizzjoni, l-ghazla ta’ ligi applikabbli hi biss wahda mill-fatturi li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni biex jigi deciz mill-qorti l-gurisdizzjoni kompetenti biex tisma’ l-kaz. Mhux l-ewwel darba li qrati Maltin jiddeciedu kawza a bazi ta’ “*proper law*” estera. Hekk, fil-kawza **Mifsud noe v. Lemos noe**, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta’ Novembru, 1959, il-kawza giet deciza a bazi tal-ligi Ingliza li nstab li kienet il-“*proper law of contract.*” Ricentiment, din il-Qorti fil-kawza **Carmelo Caruana Freeport Operations Ltd. V. Medoffshore Ltd et**, deciza fit-30 ta’ Novembru, 2012, intqal li “*il-fatt illi ntghazlet il-ligi ingliza bhala l-ligi applikabbli ma jfissirx illi l-qrati Inglizi biss jistghu japplikaw dik il-ligi.*”

Il-fatti tal-ghazla tal-ligi Maltija biex tirregola l-kuntratt u li dan gie konkjuz Malta, ma jwasslux biex jirradikaw il-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin, meta tqis li l-konvenut ma ghandu ebda konnessjoni ma’ Malta u l-obbligazzjoni ghandha tigi esegwita fi Franza.

Il-partijiet ghamlu referenza wkoll ghall-Artikolu 742 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), pero`, dan mhux aktar applikabbli fejn ikun japplika ir-Regolament tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, jinghad fir-regolamenti illi “*Persons domiciled in a Member State may be sued in the Courts of another Member State only by virtue of the rules set out in sections 2 to 7 of this chapter*”, li jitrattaw sitwazzjonijiet fejn il-qrati

jistghu jirradikaw gurisdizzjoni specjali, li kif rajna, pero`, ma jghoddux ghall-kaz in ezami.

Apparti dan, din il-Qorti ma tarax li s-socjeta` attrici wriet li jezistu l-elementi mehtiega biex tigi irradikata l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin a bazi tal-artikolu fuq riferit. Ma hemmx ftehim li l-pagament kellu jitwettaq Malta, u ghalkemm l-obbligazzjoni hija a favur socjeta` registrata hawn Malta, ma saretx il-prova li l-eventwali sentenza "*tista' tkun esegwita f'Malta*". Darba s-socjeta` attrici trid tirradika l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin, trid hi tipprova li jezistu f'Malta assi bizzejjed fuqhiex, jekk tirbah il-kawza, tkun tista' tesegwixxi s-sentenza; dan, is-socjeta` attrici, ma ghamlitux. Lanqas ma jirrizulta li l-konvenut volontarjament qieghed jew qabel li joqghod ghall-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tilqa' l-istess, thassar u tikkancella s-sentenza li tat l-ewwel Qorti, u minflok tghaddi biex tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, tiddikjara illi dawn il-qrati ma ghandhomx gurisdizzjoni jistharrgu dan il-kaz, u ghalhekk, tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------